**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antonello Magri)**

**vs**

**Matthew Saliba**

**Kumpilazzjoni Nru. 253/2025 AC**

**Illum, id-9 ta' April 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Matthew Saliba**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 136288M, imwieled il-Pieta' nhar it-11 ta' Marzu 1988, bin Anthony u Josephine

nee' Gerada, u residenti 22, Sunset Cove, Triq Santa Marija, Ħad-Dingli, li kien akkużat talli nhar il-21 ta' Marzu 2025 bejn is-14:00hrs u l-16:00hrs ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Allison Catania (sieħba tiegħu)** f'periklu ċar ħebbejt għal **Allison Catania (sieħba tiegħu)** u kkaġunajtilha offiża ta' natura ħafifa skont kif ċertifikat minn Dr. Chantelle Said MD: 4614 tal-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 222(1)(a), 221(1) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Allison Ciantar (sieħba tiegħu)**;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wettaqt reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża taħt l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġejt misjub ħati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża nhar l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024);

   U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv *ai termini* tal-Artikolu 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża, kontra **Matthew Saliba** għall-benefiċċju ta' **Allison Catania** u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, din il-Qorti tapplika wkoll l-Artikoli 382A, 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' **Allison Catania**;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, din il-Qorti tordna lill-imsemmija persuna tħallas id-danni stabbiliti skont l-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti bħala l-Qorti tal-Għassa nhar l-24 ta' Marzu 2025, b'dan li l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Antonello Magri qara u kkonferma l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament[1];

Rat li meta sar l-eżami tal-imputat mingħajr ġurament *ai termini* tal-Artikolu 370(4), l-Artikolu 390(1) u l-Artikolu 392 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[2], wieġeb li huwa ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li m'hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti proċesswali, senjatament is-segwenti:

1. Il-Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[3];

2. Dikjarazzjoni ta' Rifjut għall-Assistenza Legali tal-imputat waqt l-interrogatorju datata t-23 ta' Marzu 2025[4];

---

[1] Ara l-verbal tal-istess seduta a fol 5 *et seq* tal-proċess u a fol 1 tal-proċess
[2] Ara a fol 8 tal-proċess
[3] Ara Dok AM1 a fol 9 tal-proċess
[4] Ara Dok AM2 a fol 10 tal-proċess

3. Il-Fedina Penali tal-imputat hekk kif aġġornata fit-23 ta' Marzu 2025[5];

4. *NPS PCR Person Details* tal-*Parte Civile* Allison Catania[6];

5. *NPS PCR Person Details* tal-imputat[7];

6. Okkorrenza bir-referenza GHQ/GBDV/700/2025[8];

7. Ċertifikat Mediku maħruġ fir-rigward tal-*Parte Civile* Allison Catania datat il-21 ta' Marzu 2025 mit-Tabib Dr. Dale Brincat MR: 4245[9];

8. *Danger Assessment Certification* magħmul lill-*Parte Civile* Allison Catania datat it-22 ta' Marzu 2025[10];

9. Estratt miċ-Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[11];

10. *CD* bl-Istqarrija Awdjo-Viżwali tal-imputat[12];

11. Mandat t'Arrest u Tfittxija fil-konfront tal-imputat datat it-22 ta' Marzu 2025[13];

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2025, din il-Qorti laqgħet it-talba tad-Difiża għall-Ħelsien mill-Arrest, u dan permezz ta' digriet datat l-istess ġurnata[14];

Rat illi fl-istess seduta din il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni għall-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront

[5] Ara Dok AM3 a fol 11 *et seq* tal-proċess
[6] Ara Dok AM4 a fol 15 *et seq* tal-proċess
[7] Ara Dok AM5 a fol 17 tal-proċess
[8] Ara Dok AM6 a fol 18 *et seq* tal-proċess
[9] Ara Dok AM7 a fol 22 tal-proċess
[10] Ara Dok AM8 a fol 23 *et seq* tal-proċess
[11] Ara Dok AM9 a fol 29 tal-proċess
[12] Ara Dok AM10 a fol 30 tal-proċess
[13] Ara Dok AM11 a fol 31 tal-proċess
[14] Ara a fol 32 tal-proċess

tal-imputat a favur il-*Parte Civile* **Allison Catania**, b'dan illi din l-Ordni għandha tkun viġenti fl-intier tagħha ad eċċezzjoni għall-aċċess għal uliedhom minorenni, u kuntatt fuq l-ulied li għandhom in komuni[15];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat kien mixli talli nhar il-21 ta' Marzu 2025 bejn is-14:00hrs u l-16:00hrs ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed il-ħajja ta' **Allison Catania (sieħba tiegħu)** f'periklu ċar ħebbejt għal **Allison Catania (sieħba tiegħu)** u kkaġunajtilha offiża ta' natura ħafifa skont kif ċertifikat minn Dr. Chantelle Said MD: 4614 tal-Isptar Mater Dei, u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 222(1)(a), 221(1) u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta;

2. Insulentajt, heddidt jew inġurjajt bi kliem jew b'mod ieħor lil **Allison Ciantar (sieħba tiegħu)**;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi wettaqt reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiża taħt l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġejt misjub ħati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) deċiża nhar l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024);

   U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċidiv *ai termini* tal-Artikolu 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

[15] Ara a fol 33 tal-proċess

B'mod partikolari kwantu għat-tielet imputazzjoni u l-addebitu tar-reċidiva, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spettur Shamus Woods) v. Eric Sapiano</u>**, li fiha din il-Qorti kif diversament preseduta ssostni s-segwenti:

> ***3. Fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva il-Qorti tista' tistrieħ fuq l-ammissjoni tal-imputat nonostante illi l-Prosekuzzjoni ma esebiet l-ebda sentenza fil-konfront tal-imputat. F'dan ir-rigward, solitament l-Prosekuzzjoni jkun jeħtiġilha tressaq minimament prova dwar il-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputat (inter alia permezz tal-esebizzjoni ta' vera kopja tas-sentenza/i in kwistjoni, prova dwar il-konnotati u prova dwar li s-sentenzi jkunu tabilħaqq għaddew in ġudikat). Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna l-fedina penali waħedha m'hijiex suffiċjenti sabiex tissodisfa din il-prova iżda tiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kkalibrata l-piena. F'dan il-każ però l-imputat ammetta b'mod inkundizzjonat l-imputazzjonijiet kollha li tressqu kontrih inkluż allura din l-imputazzjoni tar-reċidiva. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet: <u>'Il-Pulizija v. Timothy Joe Forace' (30/09/2021, App. Nru. 479/2017, Imħallef Aaron M. Bugeja)</u> stqarret kif ġej:***
>
> > ***"F'dan il-każ ukoll ma jirriżultax li l-appellant talab li jressaq xi provi partikolari. B'hekk meta l-appellant, tajjeb jew ħażin, għażel li jammetti għall-imputazzjonijiet u għall-addebitu tar-reċidiva, huwa kien qiegħed joqgħod għall-ġudizzju li kienet obbligata tgħaddi fuqu il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u tagħtih il-piena skont il-Liġi fuq dak li jkun irriżultalha...***
> >
> > ***... 23. Meta persuna tirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluż l-addebitu tar-reċidiva, dik l-ammissjoni hija meqjusa bħala il-"prova reġina" fis-sens li l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-reċidiva, huwa jkun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien ukoll, f'dak il-mument kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva. Bl-att tal-***

*ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu tar-reċidiva kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti kontestati lilu skont kif ikunu ġew kontestati lilu. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu, huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi."*

*4. Hekk ukoll irriteniet l-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet: <u>'Il-Pulizija v. Sean Farrugia' tal-20 ta' Novembru 2020</u> illi:*

*"Fir-rigward tal-aggravju li l-ewwel Qorti ma messitx sabet lill-appellant ħati tal-akkuża ta' reċidiva jingħad li huwa veru li l-Qorti ma tistax issib pesuna ħatja talli hu reċidiv sempliċiment a bażi tal-fedina penali tiegħu pero' f'dan il-każ mhux hekk ġara. L-ewwel Qorti sabitu ħati talli huwa reċidiv a bażi tal-ammissjoni tiegħu stess. Meta l-appellant irreġistra ammissjoni kien fl-istess ħin qed jeżenta lill-prosekuzzjoni mill-ħtieġa li tkompli tressaq il-provi tagħha u f'dan il-każ in vista tal-ammissjoni tal-appellant l-prosekuzzjoni ma kellhiex għalfejn tesebixxi xi sentenzi li ingħataw fil-konfront tiegħu u dan għaliex l-appellant kien ġja ammetta dan il-fatt. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi miċħud."*

*5. Fuq l-insenjament ta' dawn is-sentenzi u oħrajn bħalhom din il-Qorti għalhekk qed tqis illi għalkemm il-Prosekuzzjoni ma' ressqet l-ebda prova*

> ***f'dan ir-rigward (għajr għall-preżentata tal-fedina penali), l-addebitu tar-reċidiva hija meqjusa li tirriżulta fil-konfront tal-imputat bis-saħħa tal-ammissjoni tiegħu."***

Għaldaqstant, abbażi ta' dan l-insenjament u l-ammissjoni libera u inekwivoka tal-imputat, u wara li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu, l-Qorti tqis li l-istess imputazzjonijiet hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu (inkluż it-tielet imputazzjoni kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva) ġew sodisfaċentement pruvati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun erogata, din il-Qorti ħadet is-segwenti fatturi in konsiderazzjoni:

1. Li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri (preċiżament fl-aktar żmien bikri possibbli meta tressaq b'arrest) u li għalhekk jirrikwadra ruħu f'dak argumentat mill-Qrati tagħna u dawk internazzjonali dwar tnaqqis fil-piena għal ammissjonijiet li jsiru fi stadju bikri tal-proċeduri[16], li jfisser li l-Qorti tkun frankat il-ħin, ir-riżorsi u l-ispejjeż neċessarji sabiex tindaga dwar il-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, u l-amministazzjoni tal-ġustizzja. Fil-każ odjern, jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu meta tressaq b'arrest quddiem din il-Qorti nhar l-24 ta' Marzu 2025;

2. In-natura tal-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat u l-aggravji assoċjati magħhom, li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[17] u

---

[16] Ara f'dan is-sens **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997; **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta' Lulju 2002, kif ukoll Appell Nru. 414/2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera nhar it-13 ta' Settembru 2024; Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera; Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024

[17] "...l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-

"familja jew unita' domestika"[18] *ai termini* tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li l-partijiet kienu ilhom f'relazzjoni ma' xulxin għal madwar tmintax (18)-il sena, u għandhom żewġ ulied in komuni bejniethom, b'tifel ta' sbatax (17)-il sena u tifla ta' seba' (7) snin;

3. Il-fatt li l-imputat waqt l-eżami jiddikjara li jirrisjedi fl-istess indirizz tal-*Parte Civile*, u ċioe' 47, Triq is-Sależjani, Ħad-Dingli.

Tenut kont dawn il-fatturi kollha għalhekk, din il-Qorti tibda biex tqis illi dawn l-imputazzjonijiet huma ta' natura serja, speċjalment tenut kont tal-fatt illi l-imputat jinsab mixli li kkommetta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża u li konsegwentement irrenda ruħu reċidiv *ai termini* tal-Artikolu 49 u l-Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Madankollu, din il-Qorti trid tqis ukoll l-aspett soċjali tal-każijiet ta' Vjolenza Domestika, u għalhekk irid jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi tal-ġustizzja u dawk tal-familja li fiha seħħew ir-reati in deżamina. F'dan il-każ, waqt is-seduta tal-24 ta' Marzu 2025, il-*Parte Civile* għamlet enfasi fuq il-bżonn li l-imputat jindirizza l-problema tiegħu ta' rabja, u tgħid illi jekk jagħmel dan kienet propensa li taħfirlu. Din il-Qorti għalhekk tqis illi huwa aktar utli li tkun indirizzata l-problema fl-għeruq tagħha, u dan għall-ġid tal-partijiet u wliedhom li għadhom minuri. Hu f'dan il-kuntest kollu li l-Qorti tara li priġunerija effettiva ma tkunx piena idoneja fiċ-ċirkustanzi iżda li s-sentenza tkun xorta waħda tirrifletti s-serjeta' tal-istess akkużi li għalihom irreġistra ammissjoni b'dan li jkun hemm ukoll Ordni speċifika sabiex l-imputat jindirizza l-problema tiegħu ta' rabja.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 49, l-Artikolu 50, l-Artikolu 202(h)(iv), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 222(1)(a) u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **qiegħda, fuq ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, issib lill-imputat Matthew**

---

awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima";

[18] B'referenza partikolari ssir għall-Artikolu 2(b) u 2(d) tal-istess Kapitolu, u ċioe':
"(b) persuni li għandhom jew li kellhom wild in komuni"
"(d) persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima";

**<u>Saliba ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti fil-konfront tiegħu, u fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni u l-addebitu tar-reċidiva, tikkundannah għal sentejn (2) priġunerija,</u>** iżda a rigward billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok għal sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>** qiegħda tissospendi t-terminu ta' sentejn priġunerija **<u>għal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza.</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **Matthew Saliba** bi kliem ċar u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' sentejn imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva;

A rigward it-tielet imputazzjoni, wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 28B(1) u l-*Proviso* tal-Artikolu 28B(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tiddikjara li mhux idoneju fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ (in vista tal-aspett soċjali tal-istess każ u l-bżonn tal-imputat li jindirizza l-problema tiegħu u–d-dikjarazzjoni tal-*parte civile* li f'każ li jieħu l-għajnuna tkun disposta li taħfirlu) li tordna li s-sentenza sospiża għandha tibda sseħħ u għalhekk, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>l-Qorti qiegħda tordna li l-perjodu operattiv ta' sena (1) priġunerija sospiżi għal tliet (3) snin li kien ikkundannat għalih l-imputat, issa l-ħati Matthew Saliba permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata l-1 ta' Frar 2024, ikun estiż għal perjodu ulterjuri ta' sentejn, li għandu jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza</u>**;

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 412D(1), l-Artikolu 412D(3) u l-Artikolu 412Ċ(9) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tpoġġi lill-imputat, issa l-ħati, **Matthew Saliba** taħt Ordni ta' Trattament **<u>għal perjodu ta' tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza</u>**, u dan bl-iskop li jindirizza l-problema tar-rabja, u jirċievi kwalunkwe trattament psikoloġiku

ieħor neċessarju minn dak li jista' jkun konstatat mill-professjonisti inkarigati f'dan ir-rigward;

Din il-Qorti spjegat lill-ħati **Matthew Saliba** fi kliem ċar u sempliċi ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 412D(4) f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet odjern li permezz tiegħu tqiegħed taħt din l-Ordni;

Din il-Qorti tordna li kopja ta' din l-Ordni, li għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għandhom ikunu komunikati minnufih lid-Dipartiment tal-*Probation* u l-*Parole* sabiex ikun assenjat *Probation Officer* lill-ħati **Matthew Saliba** li għandu jkun responsabbli mis-sorveljanza tiegħu, u għandu jirrapporta lil din il-Qorti bil-miktub dwar l-andament tal-ħati **kull sitt (6) xhur**;

*In oltre* din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382A(1) u l-Artikolu 382A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati **Matthew Saliba** favur il-*Parte Civile* **Allison Ciantar** **għal żmien tliet (3) snin mid-data ta' din is-sentenza**, b'dan illi din l-Ordni għandha tkun viġenti fl-intier tagħha ad eċċezzjoni għall-aċċess għal uliedhom minorenni, u kuntatt fuq l-ulied li għandhom in komuni, u għandha wkoll tifforma parti integrali minn din is-sentenza;

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tħaddem kontra l-ħati **Matthew Saliba** l-provvedimenti tal-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara li m'hijiex f'pożizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li jekk kien hemm xi danni sofferti, dawn ma kienux ikkwantifikati;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**